*-danni konsegwenzjali għal inċident tat-traffiku*

*-diżabilita` medika u industrijali*

*-ammissjoni fil-proċess penali*

*-rilevanza għall-proċess ċivili*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Illum, 9 ta' Lulju 2019.**

**Rikors Nru. 795/2011GM**

**RAYMOND AQUILINA**

**v.**

**JAMES BUHAGIAR U B'DIGRIET TAL-31 T'AWWISSU, 2011 IS-SOCJETA` ELMO INSURANCE LIMITED INTERVJENIET FIL-KAWŻA**

***IN STATU ET TERMINIS***

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Raymond Aquilina ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti:

i. Tiddikjara illi l-imħarrek huwa unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-1 ta' Jannar, 2010 għal-ħabta tas-2.20 ta' filgħodu fi Triq Burrmarrad, San Pawl il-Baħar bejn il-vetturi tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni CBJ-598 u l-vettura tat-tip Land Rover bin-numru tar-reġistrazzjoni JMS-900 fejn l-intimat kien qed isuq b'veloċita` qawwija u li b'konsegwenza ta' dan, l-attur kien fil-periklu li jitlef ħajtu;

ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

iii. Tikkundanna lil-imħarrek iħallas l-ammont hekk likwidat bħala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali li ġiet preżentata kontestwalment mal-atti;

Rat id-digriet tagħha tal-31 t'Awwissu 2011 li permezz tagħha awtorizzat lil Elmo Insurance Limited tintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis*;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut fid-29 ta' Settembru 2011 fejn laqa' għat-talbiet tal-attur billi stqarr illi l-inċident ma seħħx tort tiegħu iżda tort tal-attur stess peress li kien qed isuq b'imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku meta saq fuq in-naħa l-ħażina tat-triq;

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta` intervenuta fil-kawża fit-18 ta' Ottubru 2011 fejn eċepixxiet illi

1. Għalkemm fid-data tal-inċident mertu ta' din il-kawza l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JMS 900 kienet assikurata mis-soċjeta' intervenuta fil-kawza Elmo Insurance Limited, l-istess soċjeta' intervenuta fil-kawza, fuq l-iskorta tal-fatti u ċirkostanzi tal-inċident li għandha fi-pusess tagħha, isostni illi kien hemm ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza u l-obbligi tal-assikurat tagħha l-intimat James Buhagiar skond l-istess polizza.

2. mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti tgħid li jekk jirrizulta li unikament minħabba d-disposizzjonijiet tal-kap 104 tal-Liġijiet ta'Malta hija tkun obbligata tagħmel tajjeb versu r-rikorrent għar-rigward ta' danni, imgħax u spejjez fil-kaz li l-proċeduri odjerni jkollhom esitu sfavorevoli għall-intimat James Buhagiar, allura hija tkun kostretta tħallas lir-rikorrent salv għad-dritt tagħha ta' rivalsa fil-konfront tal-istess intimat Buhagiar għall kull pagament magħmul minnha.

3. mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent irid iġib l-prova tal-ħtija għall-inċident awtomobilistiku de quo liema prova tinkombi lilu skond il-liġi.

4. fejn jirrigwarda l-esponenti ma hemmx danni x'jiġu likwidati davur ir-rikorrent.

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra premessi mill-liġi u bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat id-digriet tagħha (diversament ippreseduta) tal-4 ta' Novembru 2011 li bih ħatret lill-espert mediku ortopediku Mr Charles Grixti;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert mediku ortopediku Mr Charles Grixti fil-25 ta' Mejju 2012;

Rat ir-rapport li ġie mħejji fl-Inkjesta Maġisterjali relatata mal-inċident mertu tal-kawża odjerna;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-Noti ta' Sottommissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża;

Rat illi waqt l-udjenza tas-16 ta' Mejju 2019 l-avukati tal-attur u tal-intervenut fil-kawża ddikjaraw li jistrieħu fuq il-provi li jinstabu fl-atti u l-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**Responsabilita` tal-inċident**

Illi l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ fis-siegħat bikrin ta' filgħodu nhar l-Ewwel tas-Sena 2010 fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar meta l-attur kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla Toyota Vitz u l-konvenut bil-vettura tiegħu Land Rover fid-direzzjoni opposta. Bid-daqqa l-vettura tal-attur imxiet diversi metri lura, kissret ħajt baxx u baqgħet dieħla ġo għalqa privata mentri l-vettura tal-konvenut daret tħares lejn id-direzzjoni opposta ta' fejn kienet sejra. L-attur sofra minn ġrieħi ta' natura gravi u saħansitra kien fil-periklu tal-mewt. Għalhekk infetħet inkjesta maġisterjali li fiha tqabbdu bosta esperti sabiex jassistu l-maġistrat inkwerenti. Ġew istitwiti proċeduri kriminali kontra l-konvenut fl-ismijiet **il-Pulizija kontra James Buhagiar** li eventwalment irreġistra ammissjoni għal-ewwel tlett imputazzjonijiet

miġjuba kontrih, prinċipalment illi 'nhar l-1 ta' Jannar 2010 għall-ħabta ta' bejn is-2.00 u s-2.30 am waqt li kien qed isuq vettura li ġġib in-numru JMS 900 matul Triq Burmarrad, Burmarrad b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura li ġġib in-numru CBJ 958 bil-konsegwenza li kkaġuna offiżi ta' natura gravi u ta' diżabilita` permanenti fuq il-persuna ta' Raymond Aquilina, u aktar talli kkaġuna ħsara nvolontarja fuq il-vettura li ġġib numru CBJ 598 u dan għad-dannu ta' Raymond Aquilina u talli saq vettura li ġġib numru JMS 900 fuq in-naħa tal-lemin tiegħu u dan bi ksur tal-Artikolu 75 tal-Avviz Legali 65.00 u talli saq l-istess vettura b'sewqan perikoluż u traskurat u ġie misjub ħati għal-akkuzi kollha dedotti kontrih[1]. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata fit-28 ta' Frar 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[2];

Illi l-konvenut, għalkemm ammetta t-tort fil-proċeduri kriminali, jeċepixxi f'dawn il-proċeduri illi l-inċident ma ġarax b'tort tiegħu imma tort tal-attur li saq fuq in-naħa l-ħażina tat-triq. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, imbagħad, jargumenta li l-inċident seħħ fil-*crown of the road*; li mhux hu biss imma l-attur ukoll kellu livell t'alkoħol fid-demm ogħla minn dak permess mil-liġi; u li għalhekk li l-attur almenu kellu negliġenza kontributorja fl-inċident in kwistjoni. Isostni li l-fatt li l-konvenut ammetta l-akkużi fil-proċeduri kriminali ma jfissirx li l-attur ma kkontribwixxiex ukoll għall-inċident bin-negliġenza tiegħu;

Illi skont Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni kriminali hija indipendenti mill-azzjoni ċivili u għalhekk bħala prinċipju u bħala regola ġenerali fil-kamp ċivili l-

[1] Dok RA41 a fol 89.
[2] Dok MM1 a Fol 116.

proċediment irid isir *ex integro* indipendentement minn kwalsiasi sentenza mnissla minn azzjoni kriminali.[3] Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 627(ċ) tal-Kapitolu 12 l-atti u r-registri tal-Qrati ta' Ġustizzja huma ammissibbli bi prova *ex facie* – kompriż allura sentenza mogħtija minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[4]; u skont l-Artikolu 632(1) tal-istess Kapitolu 12 "kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti, kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova";

Illi huwa stabbilit mill-ġurisprudenza li "anke f'dan il-każ il-verbal tal-ammissjoni tal-imputazzjoni, li hemm fl-inkartament kriminali, kien jikkostitwixxi prova, mhux bħala prova in sede kriminali estendibbli għall-ġudizzju ċivili, imma **bħala konfessjoni**. Dan bl-istess mod kif kienet tkun produċibbli bħala prova konfessjoni bil-miktub magħmula band'oħra, jew anki konfessjoni verbali"[5];

Illi pero` f'dan il-każ l-attur ma straħx biss fuq l-imsemmija ammissjoni. Ipproduċa lil P.S. 442 Gorg Scerri, surġent tal-*mobile squad*, li nserta kien isuq warah meta seħħ l-inċident. Xhud ċertament indipendenti u ta' min jistrieh fuqu billi mhux biss huwa uffiċċjal tal-pulizija imma huwa wkoll fl-iskwadra mobbli u għalhekk ferm familjari mas-sewqan u mal-inċidenti stradali. Dan xehed li jikkalkula li l-attur kien qiegħed isuq bejn 40 u 50 k.f.s.; li kien isuq fuq sajdu; u li l-vettura tal-konvenut kisret fuq in-naħa l-ħażina tat-triq u ħabtet frontalment mal-vettura tal-attur. Scerri spjega illi l-konvenut James Buhagiar minflok kompla jdur mal-liwja li kien hemm fil-karreġġjata tiegħu, baqa' għaddej dritt b'konsegwenza li baqa dieħel fil-vettura tal-attur.

---

[3] Onor. Paul Boffanomine et-vs- Paul Zammit, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 06.02.1950.
[4] Carmelo Camilleri -vs- GejtuCassar, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 01.12.1955.
[5] Joseph Manche` -vs- Mary Butler et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 11.05.1957.

Illi l-attur ipproduċa wkoll bħala xhud lil Mario Buttigieg, li tqabbad bħala espert fl-inkjesta maġisterjali relatata mal-inċident. Mir-rapport tiegħu, li ġie esibit (fol 103), jirriżulta illi l-*point of impact* seħħ fil-karreġġjata li fiha kien qed isuq l-attur. Dan jikkorrabora l-verżjoni tax-xhud okulari l-kuntistabbli Gary Scerri. Irriżulta ukoll mir-rapport tal-istess espert, wara illi uża l-formuli matematiċi neċessarji, illi l-konvenut kien qed isuq b'veloċita` ta' 106kfs u l-attur b'veloċita' ta' 37kfs meta seħħ l-inċident. Dan ukoll jikkorrobora l-verżjoni tas-surġent Gorg Scerri dwar il-veloċita` li kien isuq biha l-attur. Skond il-*Motor Vehicle Regulations*, il-veloċita` f'dawk l-inħawi m'għandhiex teċċedi l-veloċita ta' 80kfs[6];

Illi għalhekk mill-atti akkwiżiti jirriżulta li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident, u illi l-attur ma kkontribwixxa għalih bl-ebda mod;

### *Damnum Emergens*

Illi għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens*, l-attur ressaq numru ta' rċevuti[7] li jikkonsistu f'xiri ta' mediċini, ta' tobba, psikjatri, dentist u xiri ta' sodod ortopediċi bil-valur komplessiv ta' €3,016.94. L-attur jargumenta ukoll illi l-ħwejjeġ li kien liebes dak inhar tal-inċident ġew meqruda u dan kien xtrahom bil-prezz ta' €370. Għalkemm ma nġabet l-ebda irċevuta ta' dawn, il-Qorti tifhem illi l-attur ma kellu l-ebda ħjiel illi seta jiġi bżonn tali irċevuti u huwa probabbli illi dawn l-ispejjeż ġew magħmulha minnu u għalhekk se jiġu kompriżi taħt dan il-kap ta' danni;

---

[6] Fol 126.
[7] Dok RA6 a fol 54 – Dok RA34 a fol 82.

Illi l-attur qed jippretendi ukoll kumpens għal-vettura tiegħu li ġiet dikjarata *beyond economical repair* wara l-inċident, mingħajr *wreck value,* kif ġie rrapportat mill-espert forensiku fil-kolliżjonijiet Mario Buttiġieġ[8]. Il-vettura tal-attur ġiet stmata €5,000 fi żmien l-inċident u l-attur jgħid illi rċieva s-somma ta' €4,000 mingħand l-assikurazzjoni tiegħu. B'danakollu jirriżulta li s-somma li rċieva kienet għas-saldu. Mis-sentenza esebita fl-atti fl-ismijiet Middlesea Insurance plc et v James Buhaġiar[9] jingħad illi tħallas is-somma ta' €3,850 għas-saldu tad-danni subiti fil-vettura tiegħu u konsegwentament issurroga is-soċjeta assikurattriċi fid-drittijiet tiegħu. Għalhekk jidher illi l-attur diġa kellu l-opportunita` jiġi kompensat għad-danni subiti fuq il-vettura tiegħu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jgħid illi ħallas is-somma ta' €58 bħala *excess* mingħajr ma pproduċa rċevuta;

Għalhekk taħt dan ir-ras ta' danni, tirriżulta dovuta s-somma ta' €3,016.94 + €370 + €58 = €3,444.94;

***Lucrum Cessans***

Illi l-**Artiklu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili** [Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta] jistipula kif għandhom jitqiesu d-danni: "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil

[8] Fol 121.
[9] P.A. 25.05.2015 a fol 298.

seta' jġib." Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċita`, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża ta' l-egħmil dirett tad-danneġġjant;

Illi kawża ta' dan l-aċċident, l-attur sofra minn ġrieħi gravi. Kellu ksur tar-*right femur,* fil-*pelvis*, fil-kustilji, fil-qasba tas-sieq tal-lemin u fil-klavikula tal-lemin. Kellu bzonn *intramedullary nail* (virga tal-metall) biex jitwaħħal il-*femur* tal-lemin u l-pelvis ġie ffissat b*'external fixator*. Kellu jiġi operat sabiex il-ksur tal-qasba tas-sieq ġie iffissat b'*hybrid fixator*. Dam xahar u nofs l-isptar. L-attur għadu jilmenta minn uġigħ fl-irkoppa l-leminija. Dan l-uġigħ qiegħed hemm il-ħin kollu u jiżdied meta jimxi u biex iqum minn fuq is-siġġu. Jilmenta ukoll minn ħruq fl-għarqub tal-lemin u minn tnemnim fuq in-naħa ta' barra tal-koxxa x-xellugija. Jilmenta ukoll minn uġigħ fin-naħa t'isfel ta' dahru meta jkun bilqegħda. Jkollu jimxi għal għoxrin minuta biss imbgħad jkollu jistrieħ minħabba għejja kbira f'saqajh il-leminija;

Illi konsegwenza akbar ta' dan l-aċċident, l-attur kellu jirriżenja mill-impjieg tiegħu ta' *head waiter* wara li kien utilizza s-*sick leave* u *vacational leave* kollu peress illi l-impjieg tiegħu kien jirrikjedi ħinijiet twal bilwieqfa, kif ukoll ġiri minn mejda għall-oħra fir-restorant. F'Mejju 2011 ġie *boarded out* (fol 50) u ġie meqjus bħala mhux tajjeb aktar għax-xogħol[10]. Kien jircievi €450 fix-xahar bħala għajnuna soċjali u ried jgħix b'dan l-ammont. L-attur jgħid ukoll illi llum il-ġurnata l-ħajja tiegħu spiċċat fix-xejn. Jgħix waħdu, ikun muġugħ kontinwament u jagħmel ġurnata

[10] Dok RA2 a fol 50.

quddiem it-*television* jistenna l-ġurnata tgħaddi. Sar jiddependi fuq ħaddieħor. Tul ħajjtu kollha jkun jista' jimxi biss bl-għajnuna ta' krozzi;

Illi qabel ma seħħ l-inċident, l-attur kien persuna indipendenti, b'xogħol fiss. Sa dak iż-żmien l-attur kien kapaċi jieħu ħsieb il-bżonnijiet tiegħu kollha mingħajr il-ħtieġa tal-assistenza jew l-għajnuna ta' ħadd. B'riżultat tal-ġrieħi serji li ġarrab l-attur per konsegwenza tal-inċident u r-riżultanti debilita` permanenti, din l-indipendenza ta' l-attur u l-kapaċita` tiegħu li jieħu ħsieb tiegħu nnifisu, b'mod ġenerali ġiet ferm menomata u ridotta;

**Paga**

Illi l-inċident seħħ fl-1 ta' Jannar 2010. Il-paga tal-attur għas-sena 2009 li kienet ta' €13,269.44. L-attur jgħid illi bħala *head waiter* kien jirċievi *tips* ammontanti għal-ċirka €100 kull xahar iġifieri jaqla' madwar €1,200 fis-sena. Għalkemm l-attur naqas milli jġib xi tip ta' prova dwar dan, mhuwiex inverosimili illi fl-impjieg tiegħu kien jaqla' xi ammont ta' *tips* billi hija prassi illi jitħallew *tips* fi stabbilimenti tal-ikel. Tifhem ukoll id-diffikulta` li tinġieb prova ta' dawn it-tips. Għaldaqstant, din il-Qorti jidrilha li għandha tadotta introjtu annwali ta' €14,000;

Illi l-Qorti hi tal-fehma li ma' dan l-ammont rappreżentanti l-paga annwali għandha tiżdied is-somma ta' €200 fis-sena biex tikkumpensah għall-varjazzjonijiet fil-pagi, għoli tal-ħajja u żiediet fl-inflazzjoni in ġenerali.

***Multiplier***

Illi kif ingħad minn din il-Qorti diversament ippreseduta, "hawnhekk għandna fattur

pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta’ Diċembru, 1967. F’dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ- "*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta` tal-pensjoni”[11];

Illi din il-kunsiderazzjoni kienet wasslet lill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża **Lambert vs Buttigieg** deċiża fit-18 ta’ April, 1963 biex tirrimarka li: "f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta` u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat";

Illi fil-każ preżenti, jidher li l-attur fiż-żmien tal-inċident kellu 47 sena. Għalhekk din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta’ 13-il sena tenut kont tal-estensjoni tal-eta` tal-irtirar għal 65 sena fil-każ tal-attur[12];

**Lump Sum Payment:**

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti f’sentenzi oħra: “mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar

---

[11] John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall – P.A. – 10.05.2005.
[12] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta – P.A - 8.03.2012.

5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat"[13]. Dan iktar u iktar fil-każ preżenti fejn l-inċident seħħ ftit iktar minn disa' snin u nofs ilu;

**Rata ta' Diżabilita`**

Illi l-attur flimkien mar-rikors promutur tiegħu ressaq rapport *ex parte* fejn ġiet attribwita rata' ta' diżabilita` ta 22%. L-espert mediku imqabbad mill-Qorti ikkonstata illi l-fatt li ksur tan-naha ta' fuq tal-qasba tas-sieq estenda sal-irkoppa jindika li Aquilina jista' jiżviluppa artrite fl-irkoppa tal-lemin; saħansitra hemm evidenza ta' dan f'artroskopija tal-irkoppa l-leminija. Din l-irkoppa nieqsa mill-moviment tagħha u ma tippermettix lil Aquilina li jinżel kokka jew jimxi fit-tul. Il-quddiem Aquilina jista' jkollu bżonn ta' *total knee replcement*. Għaldaqstant wasal għal rata ta' diżabilita` ta' 15%. Ma' għandhiex għalfejn il-Qorti ma toqgħodx fuq dan ir-rapport aktar meta tenut kont li l-attur ma talabx għall-ħatra ta' periti perizjuri;

Illi l-attur ikompli jgħid illi b'żieda mat-trawma psikoloġika hu jinsab fiżikament impedut għal kollox milli jagħmel ix-xogħol tiegħu. Illi l-attur argumenta illi l-impjieg tiegħu bħala *head waiter* kien jirrikjedi b'mod speċjali l-użu tar-riġlejn u jirrikjedi ċertu strapazz aktar minn impjieg sedentarju u li bl-eta` tiegħu, l-attur jista' jsibha diffiċli biex jiġi impjegat f'xogħol illi m'għandux esperjenza fih. L-attur ikompli jargumenta illi għadu jimxi bil-krozzi, ma jistax jimxi fit-tul, ma jistax isuq

[13] Trevor Grech v Lawrence agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018.

u li hemm probabilita` kbira illi jkollu bżonn *total knee replacement* bħal ma ġie stabbilit mill-espert mediku mqabbad mill-Qorti;

Illi l-attur ikompli jgħid illi b'żieda mat-trawma psikoloġika hu jinsab fiżikament impedut għal kollox milli jagħmel ix-xogħol tiegħu. Illi l-attur argumenta illi l-impjieg tiegħu bħala *head waiter* kien jirrikjedi b'mod speċjali l-użu tar-riġlejn u jirrikjedi ċertu strapazz aktar minn impjieg sedentarju u li bl-eta' tiegħu, l-attur jista jsibha diffiċli biex jiġi impjegat f'xogħol illi m'għandux esperjenza fih. L-attur ikompli jargumenta illi għadu jimxi bil-krozzi, ma jistax jimxi fit-tul, ma jistax isuq u li hemm probabilita' kbira illi jkollu bżonn *total knee replacement* bħal ma ġie stabbilit mill-espert mediku mqabbad mill-Qorti. L-attur talab lil din il-Qorti sabiex tqisu bħala inkapaċi għax-xoghol u tikkomputa d-danni abbażi ta' din ir-riżultanza.

Illi fis-sistema tal-liġi tagħna billi skond il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) għall-Artikolu 1045, Kodiċi Ċivili "is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita` tiġi stabbilita` mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikulari, ix-xorta u grad ta' inkapaċita` ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.";

"Dan premess, u biex tingħata tweġiba għall-kritika tal-konvenut, hemm sa ċertu punt qbil illi "dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex grad ta' inkapaċita` f'sens purament mediku iżda l-effett illi l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tad-danneġġjat" (Butler –vs- Heard);

Illi minkejja l-mod skjett kif inhi redatta, il-liġi nnifisha xorta waħda tagħti żewġ elementi importanti għall-komputazzjoni tad-danni – wieħed oġġettiv (ix-xorta u

grad ta' inkapaċita`) u l-ieħor soġġettiv (il-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara). Għalhekk il-grad ta' inkapaċita` medika hija waħedha u in abstracto ma tistax tittieħed bħala kejl biex jitqiesu d-danni: "Huwa logiku li telf ta' subgħa għal persuna normali huwa każ differenti minn telf tiegħu għal pjanista; bl-istess mod, telf ta' għajnejn għal pilota huwa aktar serju għal skop ta' lucrum cessans minn telf f'kaz ta' persuna normali."[14]

Illi l-attur esebixxa ittra datata 24 ta' Mejju 2011 mingħand id-diviżjoni tas-Sigurta` Soċjali (fol 50) fejn ġie ddikjarat li "bħalissa" mhux kapaċi għax-xogħol; kellu jsiru eżami ieħor fi żmien tlett snin sabiex jiġi stabbilit jekk kienx għadu mhux kapaċi għax-xogħol. L-attur iżda ma pproduċa l-ebda ċertifikat ieħor bħala prova li kien għadu mhux kapaċi għax-xogħol mill-25 ta' Mejju 2014 (tlett snin wara) 'il quddiem. Il-Qorti tifhem il-pożizzjoni tal-attur iżda min-naħa l-oħra hija trid toqgħod fuq il-provi, u mhux fuq *guesswork.* Filwaqt li tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* fejn ma jkunx possibbli jew prattikabbli li tinġieb prova, ma tagħmilx l-istess fejn il-prova kienet faċilment disponibbli iżda ma tinġiebx quddiemha. Altrimenti tiżloq mill-isfera tad-diskrezzjoni għall-kamp tal-arbitrarjeta`. Għalhekk f'dan il-każ sejra tqis lill-attur bħala inkapaċi għal kull xogħol sal-25 ta' Mejju 2014 iżda mhux wara. L-attur sostna li diffiċli jsib xogħol fl-eta` tiegħu iżda ma ġieb l-ebda prova dwar x'ġara fil-fatt, kif kellu kull opportunita` illi jagħmel;

**Spejjeż Futuri**

Illi l-attur jgħid illi sal-lum għadu jiehu l-medicini u qed jinkorri spiża ta' €43.65 fix-xahar u dawn iridu jibqgħu jittieħdu għal għomru minħabba l-uġigħ kroniku li jsoffri minnu. L-attur ma ppreżenta ebda ħjiel ta' xi ċertifikat mediku jew irċevuti

[14] Carmen Borg v Eric Zammit – 11.12.2013 – PA – LFS.

biex jissostanzja dan. Huwa fl-interess tal-attur illi jressaq l-aħjar prova, u ċertament dan l-attur m'għamlux.

**Komputazzjoni tad-danni:**

(i) Bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Mejju 2014:

Għal dan il-perjodu, din il-Qorti sejra tqis id-differenza bejn id-dħul li kellu l-attur qabel l-inċident u d-dħul li kellu wara[15]:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Telf ta' dħul € | € | | |
| 2010 | 14,000 – 4469 = (ara fol 53) | 9,531 | | |
| 2011 | 14,200 – (450 x 6 xhur = 2,700) = | 11,500 | | |
| 2012 | 14,400 – (450 x 12-il xahar= 5,400) = | 9,000 | | |
| 2013 | 14,600 – (450 x 12-il xahar – 5,400) = | 9,200 | | |
| 2014 | 14,800 fuq 6 xhur = 7,400 – (450 x 6 xhur = 2,700) = | 4,700 | | |
| | Total telf ta' qliegħ sal-1 ta' Ġunju 2014 | 43,931 | | |

(ii) bejn 24 ta' Mejju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2022:

Salarju gross: €14,800.

Aġġustament 7snin u 6 xhur x €200 = 1,500. Żieda medja tas-salarju = 750

Salarju: 14,800 + 750 = €59,481.

59,481 x 7 snin u nofs x 15% = €66,916.13

[15] Trevor Grech v Lawrence Agius – P.A. 17.10.2018.

**Riepilogu:**

Damnum Emergens €3,444.94

Lucrum Cessans 43,931 + 66,916.13 = €110,847.13

**Total** €114,292.07

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(1) tiddikjara lil konvenut responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 fi Triq Burmarrad, san Pawl il-Baħar bejn l-attur u l-konvenut;

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €114,292.07;

(3) tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' € 114,292.07 ;

Bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv u spejjeż legali kontra l-konvenut.

ONOR IMHALLEF

GRAZIO MERĊIEĊA

DIGRIET KAMERALI

MOGĦTI LLUM 21 T'AWWISSU 2019

Fl-atti tar-rikors maħluf numru 795/2011 GM fl-ismijiet:

Raymond Aquilina

-vs-

James Buhagiar et

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tagħha fl-ismijiet premessi tad-9 ta' Lulju 2019;

Rat ir-rikors tas-soċjeta` intervenuta tas-17 ta' Lulju 2019;

Rat ir-risposta tal-attur tas-6 t'Awwissu 2019;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-imsemmi rikors, is-soċjetaċ intervenuta qiegħdha titlob, skont Art. 825(1) Kap 12, il-korrezzjoni ta' żball ta' kalkolu li tgħid li sar fis-sentenza;

Illi l-attur, permezz tar-risposta tiegħu, qiegħed jopponi t-talba billi jsostni li l-imsemmi Artiklu jagħti l-fakoltaċ ivi msemmija lill-partijiet fil-kawża iżda intervenuta mhux parti. U jiċċita ġurisprudenza li tgħid li intervenut qatt ma jsir parti. Jagħmel wkoll aċċenn – mingħajr ma jikkwota istanzi speċifiċi – għal ġurisprudenza li tgħallem li intervenut ma jistax jappella ħlief bħala terz;

Ikkunsidrat:

Illi kif inhu notorju, id-dottrina tal-preċedent ma tifformax parti mill-ordinament ġuridiku Malti. L-unika ħaġa li torbot lill-Qorti hija l-liġi – primarjament statutorja. U l-kliem tal-Art. 960 huwa ċar daqs il-kristall: kull min juri li għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' jiġi mdaħħal fiha *in statu et terminis* "**bħala parti fil-kawża**". Issa din il-Qorti hija konxja minn sentenza tagħha stess, diversament ippreseduta[16], li tiġġustifika l-qagħda ġurisprudenzjali ċċitata mill-attur fl-atti ta' dan ir-rikors fis-sens li intervenut mhuwiex parti billi ssostni li din il-frażi ma kinitx tirrikorri fit-test oriġinali tal-liġi bit-Taljan li kien jaqra hekk: ***"Chiunque dimostri… di avere interesse in una causa giaċ tra altri pendenti puoċ essere ammesso allo stato e nei termini in cui si trova".*** It-test Taljan l-ewwel ġie tradott bl-Ilsien Ingliż bħala lingwa uffiċjali bl-inserzjoni tal-kliem "***as a party to the suit***"[17]. B'danakollu, din il-Qorti ma tara xejn differenti **fit-tifsira** bejn it-test Taljan, it-test Ingliż, u t-test Malti. Huwa evidenti li ġaladarba l-intervenjent jiġi "***ammesso allo stato e nei termini in cui si trova***" huwa jiddaħħal fil-kawża, u min jidħol fil-kawża jfisser li jkun parteċipi fiha; fi kliem ieħor, isir parti.

Illi l-imsemmija sentenza – **Borg v Muscat** – ġiet ippronunzjata fl-1960. Minn dak iż-żmien ġiet ippromulgata l-Kostituzzjoni tal-1964 li rregolat l-ilsien tal-liġijiet kif ukoll l-Att IX.1980 li pprovda għall-pubblikazzjoni ta' Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta (li fil-fatt saret fil-1984) u, fl-Art. 8(2) statuwiet illi "**dik l-edizzjoni titqies li hija u tkun, bla ma jista' jkun hemm kwistjoni fuq daqshekk fil-qrati kollha tal-ġustizzja u għall-finijiet kollha, it-test waħdieni, tajjeb u**

[16] Ivo Borg v Carmelo Muscat 28.10.1960, Prim'Awla

[17] Dak iż-żmien enumerat bħala Art. 977 tal-Ordinanza IV tal-1854

**<u>awtentiku</u> tal-liġijiet statutorji mdaħħlin fl-edizzjoni…" Imbagħad Art. 8(3) jistabbilixxi li fejn ikun hemm konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż ta' xi edizzjoni riveduta, it-test Malti għandu jipprevali. Għalhekk wara l-Art IX tal-1980, is-sentenza Borg v Muscat, li tat prevalenza għat-test Taljan, m'għadhiex tgħodd. Issa jgħodd it-test Malti li, fil-każ preżenti, jgħid ċar u tond li l-intervenut huwa parti fil-kawża;**

Illi jibqa' minnu li l-parteċipazzjoni tal-intervenut hija ċirkoskritta b'diversi modi; per eżempju jidħol fil-kawża fl-istat li tkun u ma jistax iqanqal kwistjonijiet li jkunu diġà ġew suġġetti għar-regoli tal-preklużjoni; la jiġi kkundannat u lanqas meħlus; u ma jiġix ikkundannat għall-ħlas tal-ispejjeż għaliex huwa dejjem iħallas l-ispejjeż tiegħu stess. B'danakollu dan ma jfissirx li ma jiħux parti attiva fil-kawża; huwa jista' jressaq l-eċċezzjonijiet kollha li ma jkunux diġà soġġetti għall-preklużjoni, juża' l-istrumenti legali kollha li l-liġi takkorda għall-istruzzjoni tal-kawża, iressaq argumenti fl-interess tiegħu u juża' l-mezzi kollha li l-liġi tipprovdi għat-tressiq tal-provi, l-istess bħal kull parti oħra fil-kawża. L-intervenut jippromwovi l-interessi tiegħu fil-konfront ta' waħda mill-partijiet jew it-tnejn;

Illi għalkemm huwa parti bi drittijiet limitati, l-intervenut xorta waħda huwa parti fil-kawża, li tipparteċipa biex tiddefendi l-interessi tagħha, indipendentement mill-partijiet, sija l-attur, sija l-konvenut, u sija l-kjamat fil-kawża. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, bħala parti jista' jiprevalixxi ruħu mill-Art. 825 tal-Kap 12. Il-liġi tpoġġi bħala limitu għas-setgħat tal-intervenut volontarju l-istat tal-kawża kif ikun meta jidħol fil-kawża b'mod li ma jistax jiddisturba li *status quo ante*. Minn hemm 'il quddiem iżda l-liġi ma tagħmel l-ebda restrizzjoni; b'mod partikolari li jitlob il-korrezzjoni ta' żball frott ta' żball matematiku. Biex twieġeb għal ċerta osservazzjoni mressqa mill-attur fit-tweġiba tiegħu għar-rikors *de quo*, bl-użu tal-

Art. 825 ma jkun qiegħed jinbidel l-ebda ġudikat; is-sentenza tibqa' intokkabbli; kull ma jinbidel – kemm-il darba l-Qorti tilqa' t-talba – huwa li tiġi kkoreġuta l-aritmetika biex tiġi konformi mal-intenzjoni vera tal-Qorti. Dan l-eżerċizzju mhux mezz ta' impunjazzjoni tas-sentenza; mhuwiex appell u lanqas ritrattazzjoni; mal-prolazzjoni tas-sentenza, tiġi mitmuma l-kompetenza tal-Qorti li ppronunzjatha[18];

Illi b'danakollu, m'hemmx kwistjoni li l-liġi tagħna [19] kif ukoll il-liġijiet kontinentali u d-dottrina tagħhom[20], jippermettu, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, il-korrezzjonijiet ta' żball materjali fuq l-awtorita` tad-Dritt Ruman, li fil-L.46 Dig *De re judicata* jafferma li "*actorum verba emendare, tenore sententiae perseverante, non est prohibitum"*. Anki l-ġurisprudenza tagħna hija konkordi fuq hekk[21];

Illi fi kliem il-Qorti tal-Kassazzjoni tal-Italja:

> "*il procedimento per la correzione degli errori materiali di cui all'articolo 287 c.p.c. eċ esperibile per ovviare ad un difetto di corrispondenza fra l'ideazione del giudice e la sua materiale rappresentazione grafica, chiaramente rilevabile dal testo stesso del provvedimento mediante il semplice confronto della parte del documento che ne eċ inficiata con le considerazioni contenute in motivazione, senza*

---

[18] fi kliem Ulpjanu, L.55. D. de jure judic.: *iudex postea quam sententiam dixit, postea iudex esse desinit, et hoc iure, ut judex, qui semel vel pluris vel minoris condemnavit, amplius corrigere sententiam suam non posset; semel enim male seu bene officio functus est.*

[19] art 825 Kap 12

[20] ara Savire u Carteret, VOL III, p 11, colonna 689, vuci "Errore di Calcolo" u "Errori di Penna" u art 473 Prcedura Civili tal-Kodici Taljan tal-1865, u Ricci, op. cit. Vol II, pag 348 para 368 u Kodiċi Sardo, art 165 in principio

[21] ara, fuq żball ta' kalkolu, Appell 31.05.1869 Borg vs Giordimaina – V.148; u Appell 08.03.1880 Negt Amabile Demarco vs Negt Giovanni Semini – IX.85; u dwar żbalji tal-pinna jew diċitura f'sentenza, PA 16.12.1870, VI.276, l-istess sentenza Demarco v Semini fuq citata, Appell 14.12.1888 Antonio Borg ne vs Felice Apap et – XII.101, Appell 28.11.1864 Antonio Giglio vs Angelica Curmi et – III.209, PA Civili 26.02.1896 Giuseppa Zahra moglie di Gregorio Frendo vs Alfredo sive Tommas Shalley - XV.408)

*che possa incidere sul contenuto concettuale e sostanziale della decisione*[22]*;*

**Illi l-karatteristiċi tat-talba għall-korrezzjoni ġiet espressa aħjar mill-Qorti Suprema Taljana b'dan il-mod:**

*Deve qualificarsi come errore materiale che non da` luogo alla nullita` della sentenza, ma trova rimedio nel procedimento di correzione al di fuori del sistema delle impugnazioni - e come tale si distingue sia* dall'error in iudicando *deducibile ex art. 360 c.p.c.* (li jagħti lok għall-kassazzjoni) *sia dall'errore di fatto revocatorio ex art. 395 n. 4 c.p.c.* (li jagħti lok għar-revokazzjoni) *- quello che si risolve in una fortuita divergenza fra il giudizio e la sua espressione letterale cagionata da mera svista o disattenzione nella redazione della sentenza e come tale percepibile e rilevabile* ictu oculi*, senza bisogno di alcuna attivita` ricostruttiva del pensiero del giudice il cui contenuto resta individuabile ed individuato senza incertezza (in applicazione di tale principio la Suprema Corte ha ritenuto integrare errore materiale un contrasto fra motivazione e dispositivo della sentenza, verificatosi a seguito di mera inversione dei termini nella indicazione delle parti)"* [23];

Illi dawn li ġejjin huma żewġ eżemplari ta' meta tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana akkordat korrezzjoni minħabba żball ta' kalkolu:

---

[22] Cass civ, sez. III, 25 gennaio 2000, n. 816, Barbone c. Sai Spa. Nello stesso senso, Casso I, 9 settembre 2002, n. 13075. (RV533133).

[23] Cass. civ., sez. I, 20 settembre 1999, n. 10129, Comune Solofra c. Amm. Prov Avellino

*"L 'errore di calcolo del giudice del merito, che non sia riconducibile all'impostazione dell' ordine delle operazioni matematiche necessarie per ottenere un recto risultato, ma sia meramente materiale, e consista cioe` in un'erronea utilizzazione delle regole matematiche sulla base di presupposti numerici esattamente determinati, non e` denunciabile con ricorso per cassazione, potendo essere fatto valere solo con l'apposita procedura di correzione contemplata dagli artt. 287 e seguenti, c.p.c"*[24].

*"L'inesatta utilizzazione di regole matematiche costituisce un mero errore materiale che non e` denunciabile con ricorso per cassazione, bensi` emendabile soltanto con l'apposita procedura di correzione prevista dagli artt. 287 e ss. c.p.c."*[25];

Illi dawn li ġejjin huma żewġ eżempji fejn għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana ma ammettietx żball ta' kalkolu:

*"E` illegittima la correzione per errore di calcolo (art. 287 c.p.c.), attraverso la quale, riesaminando la questione, proceda ad una nuova liquidazione della somma riconosciuta, attraverso una diversa interpretazione del criterio di conteggio"*[26].

---

[24] Cass. civ., sez. I, 17 luglio 1985, n. 4211, Baccin c. Chiappara. Conforme, Cass. I, 27 giugno 1995, n. 7249.

[25] Cass civ., sez. III, 3 dicembre 1993, n. 11999, Foschini c. Universo Assicurazi spa.

[26] Cass. civ., sez. II, 30 dicembre 1997, n. 13122, Cesaroni c. Danti. (RV511263).

*"L 'errore di calcolo del giudice del merito puo` essere denunciato solo con ricorso per cassazione quando sia riconducibile all'impostazione dell'ordine delle operazioni matematiche necessarie per ottenere un certo risultato, perche` in tali ipotesi si lamenta un vera e proprio* error in iudicando *nella individuazione dei parametri e dei criteri di conteggio sulla cui base sono stati effettuati i calcoli. Qualora, invece, esso consista in un'erronea utilizzazione delle regole matematiche sulla base di presupposti numerici esattamente determinati ed esatta individuazione ed ordine delle operazioni da compiere, e` emendabile con l'apposita procedura di correzione regolata dagli artt. 287 ss. c.c. (nella specie, il vizio lamentato era riconducibile ad un'erronea impostazione dell'ordine e del tipo delle operazioni matematiche necessarie per ottenere il risultato finale della devalutazione a ritroso di una somma dal 1994 al 1987: per calcolare, cioe`, il valore reale in quest'ultimo anno di una somma di denaro che aveva un determinato valore nominale nel 1994)*[27];

Ikkunsidrat:

Illi l-iżball matematiku fis-sentenza jinstab fil-parti ntitolata "komputazzjoni tad-danni" fil-parti li taqra hekk: "Salarju: 14,800 + 750 = €59,481". Ovvjament it-total għandu jkun €15,550. Il-bqija tas-sentenza tkompli fuq dan l-iżball. Bla dubbju jikkonsisti sempliċiment fl-użu żbaljat tar-regoli matematiċi tal-addizzjoni;

---

[27] Cass civ., sez. III, 5 agosto 2002, n. 11712, Carnaccini ed altri c. Winterthur Assicurazioni Spa. (RV556663)

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artiklu 825(1) tal-Kap 12, tilqa' t-talba tas-soċjeta` intervenuta u tordna li fis-sentenza ssir il-korrezzjoni relattiva fis-sens li l-aħħar parti tas-sentenza għandha taqra kif gej:

"Salarju: €14,800 + €750 = €15,550

€15,550 x 7 snin u nofs x 15% = €17.493.75.

**"Riepilogu:**

"Damnum Emergens €3,444.94

"Lucrum Cessans €43,931 + €17.493.75 = €61,424.75

**"Total** €64,869.69

**"Decide**

"Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

"(1) tiddikjara lil konvenut responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar bejn l-attur u l-konvenut;

"(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €64,869.69.

"(3) tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' €64,869.69.

"Bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv u spejjeż legali kontra l-konvenut."

Tordna ghalhekk li s-sentenza tagħha preċitata tad-9 ta' Lulju 2019 tigi korretta kif jinghad hawn fuq u permezz tal-prezenti li ghandu jifforma parti integrali tas-sentenza fuq riferita.

L-ispejjeż tal-preżenti fiċ-ċirkostanzi jibqgħu a karigu tal-intervenut fil-kawża.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERĊIEĊA